Suppliment tal-Gazzetta tal-Gvern ta' Malta, Nru. 13,818, 20 ta' Frar, 1981

Taqsima A

MALTA

ATT Nru. VI ta' 1-1981

ATT maħruġ b'liġi mill-Parlament ta' Malta.

ATT biex jipprovdi dwar id-differiment ta' ċerti kawżi quddiem il-Qrati Superjuri.

ACT No. VI of 1981

AN ACT enacted by the Parliament of Malta.

AN ACT to make provision with respect to the adjournment of certain causes before the Superior Courts.

Nagħti l-kunsens tiegħi.

(L.S.)

V. SCERRI
Aġent President

20 ta' Frar, 1981

ATT Nru. VI ta' l-1981

ATT biex jipprovdi dwar id-differiment ta' ċerti kawżi quddiem il-Qrati Superjuri.

IL-PRESIDENT, bil-parir u l-kunsens tal-Kamra tad-Deputati, imlaqqgħa f'dan il-Parlament, u bl-awtorità ta' l-istess, ħareġ b'liġi dan li ġej:—

Titolu fil-qosor.

1. Dan l-Att jista' jissejjaħ l-Att ta' l-1981 dwar Differiment Speċjali ta' Kawżi.

Differiment ta' ċerti kawżi li kellhom jinstemgħu wara t-3 ta' Jannar, 1981.

2. Minkejja kull ħaġa li tinsab fil-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili jew f'xi liġi oħra, il-kawżi kollha li kellhom jinstemgħu quddiem xi waħda mill-Qrati Superjuri fit-3 jew wara t-3 ta' Jannar, 1981, u li għal xi raġuni ma ġewx differiti mill-Qorti għal data stabbilita, għandhom jitqiesu li ġew differiti għat-3 ta' Marzu, 1981, iżda f'dik id-data dawk il-kawżi għandhom jerġgħu jiġu differiti għal jiem oħra sabiex il-Qorti tkun tista' timxi għal kollox fuq il-liġijiet tal-proċedura li jkunu fis-seħħ f'dik id-data.

L-Att jieqaf mis-seħħ fil-31 ta' Marzu, 1981.

3. Bla ħsara għal kull ħaġa li tkun saret bis-saħħa tiegħu, dan l-Att jieqaf mis-seħħ fil-31 ta' Marzu, 1981.

Mgħoddi mill-Kamra tad-Deputati fis-Seduta Nru. 468 tas-17 ta' Frar, 1981.

C. AGIUS
Speaker

C. MIFSUD
Skrivan tal-Kamra tad-Deputati